MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2015

Numru. 123/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Luke Bonello]**

**vs**

**Mark Caligari**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mark Caligari detentur tal-karta tal-identita` numru 588264(M).

Akkuzat talli nhar is-6 ta’ Gunju 2012 ghall-habta ta’ bejn 12:50pm u l-13:00pm gewwa Triq Buganvilla, Swieqi:

> Bil-hsieb li jaghmel delitt wera b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi saq fid-direzzjoni ta’ Alexander Agius sabiex jikkagunalu griehi ta’ natura gravi, fejn id-delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u dan bi ksur ta’ artikoli 41(1)(a) u 216(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
>
> U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura bil-mutur, b’manjiera perikoluza u traskurata u dan bi ksur ta’ artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta` ta’ Alexander Agius u l-familja tieghu ai termini tal-artikolu 383 et sequitur, tal-Kaptilu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti konrih.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta u l-kunsens tal-Avukat Generali li biha din il-Qorti semghet il-proceduri bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Il-fatti tal-kaz huma fuq allegat sewqan perikoluz da parti tal-imputat bil-ghan illi jikkaguna griehi lill-parte civile Alexander Agius. Illi l-imsemmi Alexander Agius jigi il-gar tal-imputat li meta dan tal-ewwel kien qieghed jibni d-dar tieghu

biswit id-dar tal-imputat gewwa Triq Buganvilla, Swieqi fis-sitta (6) ta' Gunju (elfejn u tnax) 2012, kellhom dizgwid bil-konsegwenza li skont il-parte civile, l-imputat saq ghalih.

Rat l-istqarrija tal-imputat mehuda fis-sittax (16) ta' April (elfejn u tlettax) 2013 fejn l-imputat minn dejjem innega dan il-fatt tant illi stqarr illi ma jiftakarx ghal-liema gurnata kien qieghed jirreferi l-ufficjal prosekutur.

**XHIEDA**

Semghet lil **WPS 139 Chantelle Casha** illi hadet ir-rapport li mar jaghmel il-kwerelant Alxander Agius dakinhar tal-allegat reat, fejn dan kien qalilha illi l-imputat kien ghadu kif kien ser itajjru bil-karrozza. Hu qal ukoll illi fil-pront ra lill-imputat gejn fit-triq tad-dar tieghu bil-karrozza u fil-pront accelera tant illi kellu jidhol fil-parapett. Dan qalilha ukoll illi mbaghad l-imputat irriversja u dahal fil-garaxx tieghu li hija annessa mal-istess dar. Hu qallha ukoll illi kien hemm zewg xhieda li raw kollox. Il-kwerelant kien qalilha ukoll li bejniethom kien hemm kawza civili li kien rebah il-kwerelant.

Semghet ukoll lill-**Ispettur Luke Bonello** li xehed illi huwa kellem lill-imputat hafna xhur wara peress li dan jahdem bhala *pilot* u kien barra minn Malta.

Huwa kkonferma li l-imputat kien wiegeb ghall-mistoqsijiet kollha u dejjem cahad l-involviment tieghu fir-reat izda ma riedx jiffirma l-istqarrija.

Semghet ukoll lill-kwerelant **Alexander Agius** li spjega kif hu kien qed jibni d-dar tieghu biswit id-dar tal-imputat meta darba wahda fid-data tal-allegat reat, fil-prezenza tieghu u ta’ xi haddiema tieghu, u meta l-kwerelant kien taht il-linja tal-bankina bit-trakk qieghed ezatt in linja mieghu, ***“minn taht il-ghajn nara karrozza gejja li kienet tas-Sur Mark Caligari. . . . U minn taht il-ghajn meta qed niehu r-ritratti qed narah gej bil-karrozza b’certu velocita’ u l-ahhar ftit isswervja ghal fuqi. Jien kif rajtha daqshekk vicin tieghi tirt minn hemmhekk, id-driver tat-trakk beda jghajjat, jiena nhsadt, qalli: kieku ma tirtx minn fejn qieghed, qalli; kien jolqtok u kien hemm ukoll il-kuntrattur faccata li qed ihares u jara kollox ukoll. Jien bdejt nghajjat mieghu dal il-hin pero’ hu. . . .”***

Fuq kontro-ezami tal-avukat difensur, il-kwerelant kien cahad li qal lis-surgenti li kien hemm kawza civili li kien rebah hu izda semma’ xi kwistjoni l-MEPA.

Semghet ukoll ix-xhieda ta’ **Mario Micallef** li kien fuq il-post dakinhar tal-allegat reat fejn dan kien qed isuq it-*tower crane* u fil-fatt dak il-hin kien qieghed ihott il-konkos b’wiccu lejn it-triq u ra karrozza ghaddejja fi kliemu

***"gas down".*** Huwa ccara illi il-persuna tar-*ready mix* qal lill-kwerelant ***"arahemm"*** u fil-pront jara lil Alexander Agius jigri il-gewwa. Fi kliemu, huwa jghid ***"Jiena jekk ipprova jtajjru ma rajtu jipprova jtajru, jiena rajtu diehel jigri hekk u karrozza ghaddejja gas down".*** Fuq domanda tal-Qorti jekk jistax jghid b'certezza jekk din il-karrozza rieditx tmur fuq Alex, ix-xhud qal illi ma setax jghid.

Xehed ukoll **Mark Camilleri** li kien bit-trakk tar-*ready mix* dakinhar tal-allegat reat u dan jghid illi fil-pront ra karrozza li zammet *brake* u dan ghajjat lil Alex il-kliem ***"arahemm"*** u kien f'dak il-mument illi il-kwerelant jitla' fuq il-bankina. Dan jghid illi l-kwerelant kien qieghed ezatt taht il-bankina fid-dell tal-wisa' tat-trakk. Jghid ukoll illi din il-karrozza dahlet go *drive in* biswit il-proprjeta` tal-kwerelant.

Finalment xehed l-imputat **Mark Caligari** u qal:

> ***"Meta ghaxar xhur wara dan l-allegat incident baghat ghalija l-ispettur, mort l-ghassa, l-ewwel darba li dhalt f'ghassa jien u wara xi . . . bellahni tant l-ahbar li qalli inti meta kont ser iddahhal il-karrozza il-garaxx hawn rapport li inti kont ser ittajjar lil gar tieghek. Jiena onestament sur magistrat bqajt imbellah, bqajt inhares lejh, ghall-ewwel hsibt ghidt dan qed jiccajta imma ghandu xoghol bizzejjed biex ma jiccajtax b'dan il-mod allura tbellaht, sirt naf quddiemu."***

Huwa spjega l-manuvra li jaghmel kulljum sabiex jidhol fid-*drive in* tad-dar tieghu u jghid hekk:

> ***"jien ma nistax naghmel 180 degrees turn fid-drive-in, allura biex dejjem inkun komdu wicci l-barra nieqaf harira quddiem id-dar u nirriversja b'lura biex nidhol fid-drive-in u l-karrozza tkun dejjem lesta wiccha l-barra biex nohrog komdu".*** (ara ritratti MC2A sa MC2F)

L-imputat zied jghid illi wara l-allegat incident hadd ma kien gie ghas-sodisfazzjon. Huwa qal ukoll illi ikun impossibble ghalih li jidhol fid-*drive-in* tieghu bi *speed* qawwi ghax inkella jirriskja li jaghmel manuvra hazina.

**KOSTATAZZJONIJIET**

Fl-ewwel lok il-Qorti rat in-nota ta' rinunzja tal-parte civile Alexander Agius fil-verbal datat tliet u ghoxrin (23) ta' Marzu (elfejn u hmistax) 2015 fejn dan kien irrinunzja ghal dak li hu rinunzjabbli.

Din il-Qorti setghet tezamina s-sentenza pprezentata mid-difiza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmelo Camilleri (Qorti Magistrati 25/09/2013)** fejn gew analizzati l-elementi tal-attentat u intqal illi:

> ***“Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f’mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta’ l-ghemil tieghu”*** **(Pulizija v. Emanuel Zammit – deciza 30.03.1998 Q.App)**

F’din is-sentenza giet ikkwotata diversi gurisprudenza fejn kien hemm divergenza ta’opinjoni bejn l-awturi jekk effettivament jezistix ir-reat ta’ tentattiv ta’ ferita gravi.

Illi f’dan il-kaz pero’ din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddibatti jekk jistax jissussisti ir-reat ta’ ferita gravi u dan ghaliex mill-fattispeci ta’ kif graw l-affarijiet, ma tistax tara il-verzjoni tal-parte civile bhala wahda kredibbli u dan ghaliex:

1. mill-ewwel lok hadd mix-xhieda ma seta’ jghid jekk il-manuvra li kien qed jaghmel l-imputat kienitx intenzjonata ghall-parte civile;
2. illi l-verzjoni tal-parte civile kienet pjuttost konfuza f’kull stadju u minn meta mar jaghmel ir-rapport sax-xhieda tieghu quddiem il-Qorti;

3. illi li kieku ma kienx wiehed mill-haddiema tieghu li haseb li l-imputat kien ser jolqtu, kieku il-parte civile qatt ma seta' jinduna li kien gej l-imputat bil-karrozza tieghu, *multo magis* li kien ser jolqtu;
4. illi ghal xi raguni stramba il-parte civile Alexander Agius ried iwaqqaf il-proceduri u rrinunzja ghal dak li hu rinunzjabbli kwazi fl-ahhar tal-proceduri kontrih forsi ghax haseb li ma kienx hemm kaz kontra l-imputat u ma riedx ikun suxxettibbli ghall-possibilita' ta' proceduri ta' spergur.

Illi l-Qorti thoss illi il-manuvra tal-imputat kienet wahda legittima sabiex jidhol fid-dar tieghu u fejn kien qieghed il-parte civile dak il-hin tal-incident, l-ebda persuna f'sensiha ma kienet ser taghmel il-manuvra deskritta mill-parte civile ghaliex b'hekk l-imputat kien jidhol fit-trakk li kien hdejn il-parte civile. Jista' jkun forsi illi l-imputat kien xi daqsxejn irrabjat dakinhar meta ra dik il-kommossjoni kollha ta' trakkijiet u haddiema hdejn id-dar tieghu u forsi ghal xi sekondi zied xi ftit il-velocita', imma dan wahdu ma jistax jigi imgebbed u interpretat bil-mod kif spjega il-parte civile ghal dak li jirrigwardja it-tentattiv ta' ferita kif ukoll is-sewqan perikoluz.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti ma tistax issib htija kontra l-imputat **Mark Caligari** u ghalhekk tilliberah minn kull akkuza kif dedotta kontrih.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------